

DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 191/2013

tat-8 ta' Novembru 2013

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

", kif emendat permezz ta:

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

— **32013 D 0262:** Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni 2013/262/UE tal-4 ta' Ġunju 2013 ("ĠU L 152, 5.6.2013, p. 52")."

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni 2013/262/UE tal-4 ta' Ġunju 2013 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni 2012/715/UE li tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi b'qafas regolatorju applikabbi għas-sustanzi attivi għall-prodotti mediciinali għall-użu mill-bniedem u l-aktivitajiet rispettivi ta' kontroll u infurzar li jiżguraw livell ta' protezzjoni għas-saħħa pubblika ekwivalenti għal dak fl-Unjoni (¹) trid tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (2) L-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni 2013/262/UE bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li jridu jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-9 ta' Novembru 2013, sakemm in-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE jkunu saru (*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 162/2013 tat-8 ta' Ottubru 2013 (²), skont liema data tkun l-iżjed tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Novembru 2013.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Thórir IBSEN

Il-punt li ġej jiżdied fil-punt 15qb (id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni 2012/715/UE) tal-Kapitolu XIII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

Artikolu 1

Il-punt li ġej jiżdied fil-punt 15qb (id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni 2012/715/UE) tal-Kapitolu XIII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

^(¹) ĠU L 152, 5.6.2013, p. 52.

^(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

^(²) ĠU L 58, 27.2.2014, p. 15.